

- l-ewwel nett, il-ksur tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 2006, p. 1);
  - it-tieni nett, ksur tal-obbligu li l-produtturi u l-importaturi ta' sustanzi kimiċi għandhom li jipprovd l-informazzjoni kollha rilevanti u disponibbli dwar il-perikoli ppreżentati mis-sustanzi, li jikkostitwixxi wieħed mill-folkri ċentrali tas-sistema ta' protezzjoni stabbilita minn dan ir-regolament;
  - it-tielet nett, l-eżerċizzju ta' livell mhux xieraq ta' kontroll tat-tliet deċiżjonijiet tal-ECHA dwar l-evalwazzjoni tas-sustanzi kkonċernati.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' dritt billi bbaża ruħu, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea li tgħid li, sabiex turi li talba għal informazzjoni addizzjonali dwar sustanza hija neċessarja, l-ECHA għandha b'mod partikolari turi li teżisti possibbiltà reali li l-informazzjoni mitluba tippermetti li jiġu addottati miżuri ta' ġestjoni tar-riski mtejjba.

---

### Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2020 – BSH Hausgeräte vs EUIPO (Home Connect)

(Kawża T-152/20)

(2020/C 191/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: BSH Hausgeräte GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Biagosc, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Trade mark kontenjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "Home Connect" – Applikazzjoni Nru 18 077 851

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 1751/2019-5

#### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.